


# OFM-LINK

ORDNI TAL-PATRIJIET MINURI - MALTA
PROVINĊJA FRANĠISKANA TA' SAN PAWL APPOSTLU
http://www.ofm.org.mt

NRU. 182 OTT 12




# IS-SENA TAL-FIDI

## 12 - 10 - 2012 - 24 - 11 - 2013

## F' għeluq il-50 anniversarju tal-bidu tal-Konċilju Vatikan II

" Aħna l-patrijiet minuri, kollha kemm aħna, *qaddejja li ma niswew għal xejn*, bl-umilta' nitolbu 'l dawk kollha li jixtiequ jaqdu lill-Mulej Alla fi ħdan il-Knisja mqaddsa, kattolika u apostolika, skond l-ordni li jinsabu fih, saċerdoti, ................ u l-bnedmin kollha kull fejn jinsabu fid-dinja, biex ilkoll kemm aħna nżommu sħiħ fil-fidi vera u fil-penitenza, għaliex ma nistgħux insalvaw mod ieħor'.
( Regola mhux bullata, 23, 7 {FSF 182})

# IS-SENA TAL-FIDI

Fis-16 t' Ottubru 2011 il-Papa Benedittu XVI, waqt Quddiesa Konċelebrata fil-Bażilika ta' S. Pietru, fl-okkażjoni tal-għeluq tal-ewwel laqgħa internazzjonali, organizzata mill-Kunsill Pontifiċju għall-Promozzjoni tal-Evanġelizzazzjoni, ħabbar li se jniedi **Sena tal-Fidi** biex "jagħti *impetus* frisk lill-missjoni tal-Knisja ħalli toħroġ lill-bnedmin mid-deżert, li ħafna drabi ssibu ruħhom fih, għal post tal-ħajja, ħbiberija ma' Kristu, li tagħtihom ħajja fil-milja tagħha". Din is-Sena tal-Fidi se tibda fil-11 t' Ottubru 2012, fil-50 anniversarju tal-ftuħ tal-Konċilju Vatikan it-Tieni - festa liturġika tal-Beatu Papa Gwanni XXIII O.F.S. - u tagħlaq fl-24 ta' Novembru 2013 - festa liturġika tas-Solennita ta' Kristu Sultan tal-ħolqien kollu.

Fil-fatt il-*Motu Proprio Porta Fidei* - il-Bieb tal-fidi - li uffiċjalment ħabbar din is-Sena tal -Fidi, jġieb id-data tal-11 t' Ottubru 2011. Fl-istess waqt il-Papa fakkarna wkoll, li fl-istess data, jaħbat l-20 anniversarju tal-Kostituzzjoni Appostolika *Fidei Depositum* u l-pubblikazzjoni tal-**Katekiżmu tal-Knisja**, test li ġie promulgat mill-Beatu Gwanni Pawlu II. Dan id-dokument kien ġie mitlub mill-Assemblea Straordinarja tas-Sinodu tal-Isqfijiet, li ltaqet' f' Diċembru tal-1985, biex isservi ta' riferenza għal katekeżi mġedda mill-għejjun ħajja tal-fidi. Aktar 'il quddiem il-Papa Benedittu, fit-28 ta' Ġunju 2005, nieda uffiċjal-ment il-**Kompendju tal-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika**. F' Ottubru 2012 l-Assemblea Ġenerali tas-Sinodu tal-Isqfijiet se tiddiskuti 'l-Evanġelizzazzjoni l-Ġdida għat-tixrid tal-fidi'.

Fl-istorja reċenti nsibu wkoll li l-Papa Pawlu VI (1963-1978) kien ukoll nieda s-Sena tal-Fidi, fl-okkażjoni tad-19 ċentinarju mill-martirju ta' S. Pietru u S. Pawl - mid-29 ta' Ġunju 1967 sal-20 ta' Ġunju 1968. Wara huwa ppublika 'l-Kredu tal-Poplu t' Alla'.



Fl-arti l-fidi tiġi murija b' bosta simboli. Generalment insibu l-persuna ta' mara (xi kultant wkoll mlibbsa velu ħafif quddiem wiċċha - ara Eż 34,33) li f' id waħda qegħda jġorr salib u f'idejn l-oħra kalċi bl-ostja fuqu. Drabi oħra nsibu simboli oħra bħal: musbieħ mixgħul (ara Mt 25,1-13), taraġ tiela' mill-art bil-quċċata tiegħu fis-sema (ara Ġen 28, 12-22), il-libsa tal -magħmudija, fjamma bejn żewġ ġwienaħ t' ajkla, kolonna (ara Eż 13, 21), madmad (ara Mt 11,29-30), muftieħ u mera (ara 1Kor 13,12).

Pittura magħmula minn pittur venezjan tat-18 il-seklu

# Il-Konċilju Vatikan II



Wara biss tlett xhur mill-elezzjoni tiegħu – 25 ta' Jannar 1959 - bħala Papa, il-B. Papa Gwanni XXIII O.F.S., (bniedem ta' 77 sena) ġewwa l-monasteru tal-Benedittini tal-Bażilika ta' *S. Paolo fuori le mura,* ħabbar li kien beħsiebu jlaqqa konċilju. Dan kellu jkun it-tieni konċilju li sar fil-Vatikan u bl-isem ukoll ta' *ekumeniku*.

Xi fatti interessanti ta' dan il-konċilju:

Nhar il-25 ta' Diċembru 1961 il-Papa ffirma l-Kostituzjoni Apostolika *Humanae salutis*, fejn nieda uffiċjalment il-21 konċilju ekumeniku.

Fost l-oħrajn, barra mis-Segreterija Ġenerali, immexxija minn Mons. P. Felici, li aktar tard sar Kardinal, kien hemm 10 kummissjonijiet.

Saru erba' sessjonijiet (waħda taħt Papa Ġwanni u tlieta taħt Papa Pawlu VI) u ħadu sehem fihom mal-2500 ruħ, fosthom kardinali, isqfijiet mid-dinja kollha u l-Ministri Ġenerali tal-ordnijiet reliġjużi.

Barra minhekk, għall-ewwel darba, kien hemm osservaturi mill-knejjes l-oħra insara. Ħadu sehem ukoll il-periti konċiljari, l-udituri u l-uditriċi (lajċi) u uffiċjali oħra.

Papa Ġwanni, waqt l-ewwel sessjoni, għamel pellegrinaġġ lejn Loreto u Assisi bit-tren, biex jitlob l-interċessjoni tal-Madonna u ta' S. Franġisk. Filwaqt li Papa Pawlu mar l-Art Imqaddsa 1964 - fejn jiltaqa' mal-Patrijarka Athenagoras, Bombay (Indja) u New York - fejn tkellem fl-Assemblea Ġenerali tan-N.U.

Dan il-konċilju approva 4 Kostituzzjonijiet, 3 Dikjarazzjonijiet u 9 Digrieti.

Għalkemm bdieh Papa Ġwanni, imma għalqu Papa Pawlu VI, peress li Papa Ġwanni miet fit-3 ta' Ġunju 1963.

Fit-8 ta' Diċembru 1965 (Solennita' ta' Marija Immakulata) ngħalaq b' mod uffiċjali u ntbgħatu 7 messaġġi lil bosta kategorji ta' nies: lil dawk li qed jiggvernaw; lill-bnedmin tal-ħsieb u tax-xjenza; lill-artisti; lin-nisa; lill-ħaddiema; lill-fqar, lill-morda u lil dawk li qed jbatu; u liż-żgħażagħ.

L-Ordni tagħna kien rappreżentat mill-Kard. Rickettes, il-Patrijarka ta' Gerusalem A. Gori, 12 Arċisqfijiet, 80 Isqfijiet, 10 Prefetti Apostoliċi u l-Ministru General franċiż P. Agostino Sepinski.

Fost l-isqfijiet, li attendew: l-ikbar isqof fl-eta kien Mons. A. Carinci (100 sena) u l-iżgħar Mons. A. Mendoza Castro (34 sena).

Il-Padri konċiljari tkellmu bil-latin meta jindirizzaw lill-awla. Imma l-Patrijarka Maximos IV ta' Antiokja tar-rit Melkita tkellem bil-franċiż u żewġ udituri lajċi tkellmu bl-ingliż u bil-franċiż.

++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++

# Il-fidi ta' Missierna S. Franġisk (1)

**N.B. Din hjia traduzzjoni ta' artiklu tal-Portugiż P. David Azevedo O.F.M., li jidher fid-*Dizionario Francescano,* 573 - 594 , Padova 1983.**

**Introduzzjoni**

Meta wieħed jiġi biex jistudja l-fidi li kellu S. Franġisk t' Assisi, irid qabelxejn jipprova jsib s-sigriet l-aktar intimu tiegħu. Hekk kif nagħrfu dan is-sigriet, ikollna d-dawl li bih aħna nistgħu nagħrfu l-veru sens tal-attitudnijiet tiegħu u l-qawwa li mexxietu tul ħajtu kollha. Filwaqt li nagħrfu il-personalita' tant nobbli ta' dan il-Fqajjar t' Assisi u l-esperjenza tiegħu tant qawwija, tkun ħaġa tant interessanti li niskopru l-intimita' ta' din ir-ruħ m' Alla. Il-koerenza tal-fidi tiegħu, li dehret f' tant inizjattivi li huwa ha, tkompli turina l-personalita straordinarja ewlenija u sempliċi tiegħu.

Ħafna mill-aspetti, li juru l-fidi tiegħu, jistgħu jidhru taħt suġġetti oħra. Għalhekk hawn mhux se nitkellmu fuq il-kontenut tal-fidi ta' Franġisku - il-mod ta' kif kien iħares lejn id-dommi nsara, il-fedelta' lejn it-tagħlim tal-Knisja - il-fidi kattolika tiegħu. Se nitkellmu biss mill-fidi, bħala att teologali tal-bniedem, fil-lat wiesa' tiegħu, mingħajr ma nagħmlu differenza bejn il-fidi, it-tama u l-imħabba.

**1. L-importanza tal-fidi biex nifhmu ħajjiet Franġisku**



Il-Kapitlu Ġenerali tal-Ordni tagħna, li kien sar f' Madrid fl-1973, qal : 'Fiċ-ċentru tal-ħajja franġiskana, hemm l-esperjenza tal-fidi f' Alla fil-laqgħa personali ma' Kristu'. L-importanza ta' din l-istqarrija ma tikkonsistix filli ngħidu li Franġisku kien bniedem tal-fidi, imma filli nistqarru li l-fidi hija l-bażi li fuqha tistrieħ, il-bidu minfejn ħarġet u l-qawwa li kondizzjonat ħajtu u ta' dawk li ġew warajh. Il-Kapitlu kompla jgħid: 'Minn kull aspett jista' jiġi mgħarraf dan - mit-talb, fraternita', faqar, presenza fost il-bnedmin - il-proġett kollu jimxi lejn il-fidi. Ir-Regola, permezz ta' tant tħeġġiġ, tkellimna fuq it-tfittix t' Alla u l-primat assolut u uniku fil-ħajja tal-patrijiet, it-talb u l-qima li għandna nagħtu, li nimxu wara Ġesu' u li l-ħajja tagħna tkun xebh mal-Vanġelu, li nkunu miftuħin għal dak li jnebbaħna l-Ispirtu s-Santu u l-importanza tat-talb tagħna bla waqfien. L-iskopijiet evanġeliċi li huma proposti għal kull mod ta' kif jgħixu l-patrijiet (kontemplazzjoni, sawm, talb, tonka, faqar, xogħol, ċirka, ikel) juru li fil-bażi ta' din ix-xorta ta' ħajja teżisti l-esperjenza unika tal-fidi f' Alla li huwa mħabba.

a) **Biex nifhmu ħajtu**

Li l-bidu tal-avventura kollha ta' Franġisku qegħda fl-esperjenza unika tal-fidi fil-laqgħa personali li huwa kellu ma' Ġesu, ifisser li l-uniku dawl li jista' jagħtina l-veru sens tal-attitudnijiet tiegħu huwa proprju l-imħabba mħeġġa li kellu lejn Ġesu'. La l-psikoloġija, la s-soċjoloġija u lanqas l-istorja tal-Knisja ma jistgħu jagħtuna l-figura vera ta' Franġisku. Mhuwiex biżżejjed l-istudju psikoloġiku tat-temperament ta' Franġisku biex nifhmu l-bewsa li ta lill-lebbruż, is-sentiment fratern tiegħu, l-imħabba tiegħu lejn il-ħlejjaq, l-Għanja tal-Ħlejjaq u tant espressjonijiet oħra li nsibuhom f' ħajtu. Niġu f' punt li ma nistgħux nifhmu dak li Franġisku kellu f'qalbu. Jekk f' Franġisku

nsibu din il-qawwa, dan ġara peress li huwa nduna bil-preżenza reali ta' 'Twajjeb Mulej, int l-ogħla, tista' kollox. Ħallihom ifaħħruk il-ħlejjaq kollha, u l-aktar id-dawl sfiq ta' oħtna x-xemx li twelled il-jum ġdid, u bl-isfa dija turi, Mulej, li ogħla minnek m'hemmx' (FSF 30)

Tista' tkun ukoll deformazzjoni jekk tfisser il-moviment franġiskan billi tibda mill-ambjent kulturali u mill-problemi soċjali tas-sekli XII u XIII. Per eżempju ma nifhmux biżżejjed l-intenzjoni ta' Franġisku, jekk naħsbu, li l-kelma *minores* - li baqgħet bħala l-isem tal-'magħmudija' tad-dixxipli tal-Fqajjar - ittieħdet mill-vokabolarju soċjali - *maggiori-minori*, kliem li kien ifisser iż-żewġ klassijiet tas-soċjeta ta' żmienu. Fil-fatt il-bidu tagħha huwa evanġeliku (ara RegNB6,4 {FSF 165} ; 1C 15,38 {FSF 235}).



L-istess ġara, li minkejja l-kelma tal-Kurċifiss fil-knisja ta' S. Damjan u l-ħolma tal-Papa Innoċenz III, kif ukoll lanqas il-problemi pastorali tal-Knisja ma jtuna dawl biżżejjed biex nifhmu l-aġir tal-qaddis. Eżempju ieħor insibuh fil-preżenza tal-patrijiet fost il-poplu - li kienet xi ħaġa radikali għall-ħajja reliġjuża ta' dak iż-żmien - qabel ma kienet risposta għal pastorali awtentiku u neċessarju, kienet ubbidjenza pura u sempliċi għall-Vanġelu - imitazzjoni ta' Kristu li mexa fit-toroq tal-Palestina (ara LM 3,1 {FSF 1149 ; Fior 2 {FSF 1588}).

Minn dawn il-ftit eżempji wieħed jista' jobsor li tkun ħaġa falza li taqra ħajjiet Franġisku mingħajr ma tħares lejha mill-lenti tal-fidi. Il-fatt li bħalissa qed ngħexu, taħt l-aspett reliġjuż, f' dinja li kważi tixbah lil dik ta' Franġisku, iktar hemm bżonn li naqraw ħajtu tħat din il-lenti. Xi osservazzjonjiet, li nistgħu nagħmlu fuq id-dinja tallum, jgħenuna biex nagħrfu aħjar l-oriġinalita' tal-ħajja ta' Franġisku.

*jitkompla f' ħarġa oħra*



**P. Ġustinu (Frank) Sciortino O.F.M. S.Th.L.**
**( 1943 - 2012 )**

**Twelid : 27 ta' Lulju 1943 - Belt Valletta**
**Libes it-tonka franġiskana : 28 ta' Settembru 1958**
**L-ewwel wegħdiet : 4 t' Ottubru 1959**
**Professjoni Solenni : 8 ta' Diċembru 1964**
**Ordinazzjoni Saċerdotali : 11 ta' Marzu 1967**

Ħidmiet li wettaq fil-Provinċja: Attwalment kien kappillan tas-sorijiet franġiskani tal-Belt Valletta. Għamel żmien twil missjunarju fil-Libya, konferenzier, rettur tal-Knisja Madonna ta' Liesse, Belt u kappillan tal-port, direttur spiritwali tal-*Appostolatus Maris* u għalliem fis-skola sekondarja tal-Gvern.

**Agħtih, o Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem**

# Frate Angelo Tancredi (+ 1257)



Id-dar ta' Angelo Tancredi illum tagħmel parti mill-monasteru tal-Klarissi, li jinsab fil-*Via San Francesco* ġewwa Rieti. Kien fl-1209 li meta Franġisku reġa żar il-Wied ta' Rieti, huwa mess il-qalb ta' Angelo Tancredi li kien kavalier fil-belt ta' Rieti. Skont Iacobilli, Franġisku, imqanqal mill-leħen divin, qallu: "Sinjur Angelo issa ilek ħafna jġorr ix-xabla u tant armamenti oħra, issa wasal il-mument li tibda jġorr kurdun; minflok ix-xabla, is-salib ta' Kristu u minflok iz-zraben, ix-xprun biex timxi fit-trab. Ejja warajja u nagħmlek kavalier ta' Kristu. Ħaġa tal-għaġeb! Dak il-ħin stess l-Ispirtu s-Santu rattab il-qalb ta' dak il-bniedem u minufih huwa ħalla kollox u mar warajh. L-għada libes it-tonka franġiskana u ssieħeb miegħu għal dejjem. Mar miegħu Ruma u sofra miegħu kull tip ta' tbatija". ( *Vite*, I, 243)



Angelo sar wieħed mill-aktar sħab intimi ta' Franġisku. Huwa jfaħħar 'il-kortesija ta' fra Angelo, li kien l-ewwel kavallier li daħal fl-Ordni, u li kien imżejjen bil-manjieri tajba u bit-tjieba' (SP 5, 85 {FSF 1532}). Il-*Compilatio Assisiensis* jgħidilna li darba meta Franġisku mar Ruma (Novembru 1223?), huwa żar lis-sinjur Leone, kardinal ta' Santa Croce. Il -kardinal talab lil Franġisku biex joqgħod miegħu għal xi jiem. Angelo Tancredi, li kien joqgħod mal-kardinal, issuġġerixxa lil Franġisku, peress li kien jaf li Franġisku kien iħobb joqgħod aktar f' postijiet mwarrba, biex imur joqgħod ġo torri ħdejn il-ħajt tal-belt. Franġisku għoġbitu l-idea u marru flimkien biex jarawh u ftiehem miegħu biex kuljum jġibilu minn barra l-ikel għalih u għal sieħbu. Imma fl-ewwel lejl ix-xjaten ħabbtu għal Franġisku u għalhekk telaq minn hemm (ara 117 {FSF 720} ; SP 67 { FSF 1513}).

Tant nibtet ħbiberija intima bejn it-tnejn, li Franġisku għażlu bħala gwardjan tiegħu, li minn naħa ta' Angelo ħa ħsieb jixtrilu biċċa ġild tal-volpi biex iħitilu fil-ġewwieni tat-tonka ta' Franġisku, peress li Franġisku kien marid ħafna. Franġisku imma insista li jħitlu biċċa oħra minn barra (ara 2C 93, 130 {FSF 845}).

Angelo, il-'bniedem ġentili ħafna', mar ma' Franġisku u sħabu - Masseo u Leone - lejn il-muntanja La Verna, fejn irċieva l-pjaġi mqaddsa (ara Fior {FSF 1642}). Meta ġie biex imur lura lejn S. Marija tal-Anġli - wara li għaddiet il-festa ta' S. Mikiel tal-1224, Franġisku ħalla lil Angelo u Masseo fuq l-għolja, filwaqt li berikhom u ħallihom biex jmissu u jbusu l-pjaġi glorjużi tiegħu (ara Fior {FSF 1657}).



Din il-pittura hija parti minn *polittico di Valle Romita* magħmula minn Gentile da Fabriano (1375 - 1427) u qegħda fil-Pinacoteca di Brera, Milan

L-affresk li sar minn Domenico Bruschi fl-1886 u qiegħed fuq in-naħa ta' barra tal-Kappella tat-Transitu ta' S. Franġisk fil-Bażilika ta' S. Marija tal-Anġli ġewwa Assisi.




Huwa, flimkien ma' tlett sħabu, baqa' jieħu ħsieb Franġisku sa' mewtu (ara 1C 6,102 {FSF 293}). Fl-agunija tiegħu Franġisku stieden lil Angelo u Leone biex jfaħħru lil Kristu (ara 2C 163, 217 {FSF 927n.}). Skont il-*Compilatio Assisiensis* Franġisku ried li fra Angelo u fra Leone jkantawlu dwar oħtu l-mewt. Huma marru ħdejh u b' ħafna dmugħ bdew ikantawlu l-Għanja ta' *frate sole* u tal-ħlejjaq l-oħrajn tal-Mulej. Dak il-ħin huwa żied l-istrofa li titkellem fuq il-mewt (ara 7 {FSF 614}).

Wara l-esperjenza tant qawwija li għex ma' Franġisku, Angelo ħass li, flimkien ma' fra Leone u fra Rufino, kellu jiktibhom. Huma laqgħu t-talba li saret mill-Ministru Ġeneral Crescenzio da Iesi. B' hekk għandna f'idejna l-*Leggenda dei Tre Compagni*. Fil-11 t' Awissu 1246 huma kitbu ittra mill-eremitaġġ ta' Greccio lil Ġeneral fejn fissrulu li huma ma riedux jiktbu *Leggenda*, imma riedu jiġbru biss bħal bukkett ward ta' tifkiriet - *florilegium* (ara Introduzzjoni FSF p. 313-314).

Dak li Angelo għamel ma' Franġisku, ried ikompli jgħamlu ma' Klara. Fil-fatt waqt l-agunija ta' Klara, 'huwa, għad li kien imnikket għall-aħħar, kien ifarraġ lil-imnikkta' (LegCl 45 {FSK 646}). Nerġgħu mbgħad insibuh fil-proċess tal-kanonizzazzjoni ta' Klara, fejn kien parti mill-kummissjoni tal-isqof ta' Spoleto, Bartolomeo, biex ikun xhud ta' dak li kellu jingħad (ProcCan {FSK 296}).

Jingħad li fra Angelo miet fit-13 ta' Frar 1257 fil-kunvent tal-Porziuncola, imma kif kien xieraq, il-fdal tiegħu jinsab f' niċċa, viċin il-fdal ta' Franġisku fil-kripta, li hemm taħt il-Bażilika ta' S. Franġisk f' Assisi.



Tajjeb li nġiebu hawn x' tgħid nota li nsibu fil-Fonti għall-ħajja ta' S. Franġisk t' Assisi (Ed. TAU, Malta, 2005) 'fil-Fonti insibu almenu tliet patrijiet li kellhom l-isem ta' Angelo : Angelo Tancredi, kavalier minn Assisi; Angelo da Rieti u Angelo da Borgo San Sepolcro. L-ewwel tnejn mhux l-ewwel darba li ġew imħawwdin wieħed mal-ieħor, hekk li hu diffiċli nkunu nafu għal min minnhom eżattament ikunu jitkellmu l-Fonti. X'aktarx li frate Angelo li hu wieħed mit-*Tre Compagni* u li kien qrib San Franġisk fl-aħħar ta' ħajtu, hu Angelo da Rieti. Nafu li kien ma' San Franġisk fuq La Verna, kif ukoll fil-Porziuncola meta miet il-qaddis' p. 362, n. 3.

Din l-*istianded glass*, li turi li fra Angelo, saret mill-Prof. P. A. Farina O.F.M. u tinsab fis-Santwarju franġiskan ta' Greccio.

++++++++++++++++++++++++++++++++++

# 4 t’ Ottubru 1962

Il-Beatu Papa Ġwanni XXII ma jibqax biss magħruf għall-qdusija tiegħu jew għal mod sempliċi ta kif kien jitkellem u jaġixxi imma wkoll għas-sorpriżi. Dak li ħafna, li mall-elezzjoni tiegħu ta’ Papa, ħasbu li kellu jkun Papa *di transizione*, wara l-kbir Papa Piju XII, malajr bidlu l-fehem tagħhom meta raw li dan il-bniedem ta’ 81 sena jagħmel ħafna żjarat, li qatt ma kien wieħed jobsor li se jagħmel fl-eta venerabbli tiegħu. Nistgħu nsemmu fost l-oħrajn iż-żjarat li għamel: fil-Milied tal-1958 żar il-morda tal-Isptar *Santo Spirito* u l-għada żar il-ħabsin ta’ *Regina Coeli.*



Imma zġur li waħda miż-żjarat li mpressjonat tant nies kienet meta fl-4 t’ Ottubru 1962 permezz tat-tren, misluf mill-President tal-Italja, fis-6. 30 am huwa ħalla l-istazzjoni tal-ferrovija tal-Vatikan biex l-ewwel jagħmel żjara lis-santwarju tal-Madonna f’ Loreto, imbagħad imur Assisi. Tul il-vjaġġ il-Papa deher ‘b’ wiċċ daħqan u ferħan, b’ id waħda isserraħ mal-ħġieġa tat-tren, u bl-oħra, għal kilometri twal, ibierek lin-nies ferħanin u mimlija ħeġġa’ - skond ix-xhieda tas-segretarju tiegħu Mons. Loris Capovilla. Storikament dan kien l-ewwel vjaġġ ta’ Papa ‘l barra mil-Lazio, wara li Ruma saret il-belt kapitali tal-Italja u għall-ewwel darba ġie użat l-istazzjon tal-ferrovija tal-Vatikan. Ma nridux ninsew li diġa kien hemm sinjali li ma kienx għadu f’ saħħtu, peress li beda jgħejja u wiċċu beda jinxtorob.




Wara ż-żjara li għamel fis-santwarju tal-Madonna ta’ Loreto, huwa telaq lejn Assisi fejn wasal fil-5.30 pm. Mill-istazzjoni ta’ S. Maria degli Angeli baqa’ sejjer dritt għal quddiem il-Bażilika ta’ S. Franġisk. Hemm sab folol kbar ta’ nies jistennewh. Mar fil-kripta fejn talab quddiem il-fdal ta’ S. Franġisk u għamel id-diskors tiegħu. Kellu jagħmel żjara wkoll lil-Porzjunkola, imma minħabba l-kundizzjonijiet ta’ saħħtu, għamel biss waqfa qasira quddiem il-bażilika, fejn sellem lill-patrijiet tagħna. Fis-6.30 pm huwa telaq minn Assisi u wasal Ruma fl-10.15 pm. Lil ta’ madwaru qalilhom: “Għamilt vjaġġ tajjeb. Inħossni ħafna emozzjonat u kuntent. Il-qalb tiegħi hija mimlija b’ ferħ u tifħir”.

---

## Nitolbu flimkien għall-Vokazzjonijiet Franġiskani

**( Bħalissa qegħdin 63 patri )**

**Mulej, li int tjubija, kull tjubija, l-ogħla tjubija,**
**- agħmel li ħafna żgħażagħ jifirħu bl-imħabba tiegħek**
**u jkunu lesti li jimxu warajk kull fejn tmur.**

***Ara : hhtp://www.ivokofm@gmail.com***




Għeżież Għaxqin,

## “Jiena magħkom dejjem”

B'din il-wegħda ta' Ġesù f'qalbna u fuq fommna, aħna bħala ulied il-fqajjar San Franġisk t’Assisi, se nkunu fostkom bejn it-22 u 26 t'Awissu, biex flimkien nissaħħu dejjem iżjed fil-presenza ta' Ġesù fostna.

Dan ser inwettqugħ qabel xejn biċ-Ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija Mqaddsa b' Katekeżi għat-tfal u għall-adulti, bis-Sagrament tal-Maħfra u bit-Talb flimkien fil-knisja parrokkjali. Se niġu inżurukom fi djarkom, fil-kazini u postijiet pubbliċi. Se imexxu laqgħat għaż-żgħażagħ, għall-għarajjes u koppji miżżewġin. Flimkien ngħixu wkoll Festa Familja b’logħob għat-tfal.

Il-koperazzjoni li sibna kemm mill-Kappillan kif ukoll minn dawk il-familji li ser jilqgħuna fi djarhom, hija ta' inkoraġġiment kbir għalina. Naħseb li lkoll kemm aħna konvinti kemm għandna bżonn li nħossu aktar il-preżenza ta' Ġesù fostna, fid-dinja ta’ llum. Nitolbukom li tkunu intom stess li tħeġġu lil xulxin li tieħdu sehem fl-attivitajiet biex din iż-Żjara Franġiskana, tkun ta' barka mis-sema kemm fuq il-Parroċċa tagħkom kif ukoll fuq il-familji tagħkom.

Il-Mulej jagħtikom is-Sliem. Il-Patrijiet Franġiskani





---

## *** STOP PRESS ***

**Kif kienet se tiġi stampata din ir-rivista, wasslet l-aħbar tal-mewt ta’ ħuna P. George Aquilina. Aktar tagħrif jingħata fil-ħarġa li jmiss. Agħtih, o Mulej, il-mistrieħ ta’ dejjem.**

# Ċelebrazzjonijiet Solenni



Matul ix-xahar ta' Settembru kellna żewġ ċelebrazzjonijet solenni fil-Provinċja tagħna. Nhar it-Tlieta 4 ta' Settembru fil-knisja tal-Ħamrun saret Quddiesa Konċelebrata immexxija mill-Provinċjal tagħna, li fiha Fra Gerald Xuereb għamel l-ewwel wegħdiet. Fra Gerald għadu kif temm in-novizzjat tiegħu ġewwa s-santwarju franġiskan ta' San Damiano, f' Assisi. Nhar il-Ħadd 2 ta' Settembru, il-Provinċjal tal-Provinċja Serafika, P. Bruno Ottavi O.F.M., waqt il-quddiesa li saret f' S. Damjan, fejn iż-żewġ is-sħab ta' Gerald għamlu l-ewwel wegħdiet, '*ha salutato con caro affetto anche* ***fr Gerald Xuereb****, novizio maltese che professerà il prossimo 4 settembre a Malta come hanno già fatto i suoi due compagni di noviziato, esprimendo sentimenti di comunione con il Ministro e con tutti i Frati della Provincia di Malta* (rapport li deher fil-*website* tal-Provinċja Serafika). P. Simone Ceccobao, il-Viċi-Mastru tagħhom, ġie Malta biex jaqsam il-ferħ ma' Gerald. Il-kant kien animat minn grupp ta' solisti li jagħmlu parti mill-Kor *BelCanto*. Wara kulħadd kien mistieden għall-festin li sar fil-bitħa taċ-Ċentru S. Franġisk. Issa Fra Gerald se jmur Ruma biex jibda l-istudji tiegħu fil-*Beda College*, bħala preparazzjoni għas-saċerdozju.





Nhar il-Ħamis 6 ta' Settembru fil-knisja ta' S. Marija ta' Ġesu, ir-Rabat, saret Quddiesa Konċelebrata immexxija mill-Vigarju Provinċjali, P. Richard Stanley Grech, li fiha Fra Aaron Abdilla, Fra Clive Camillleri u Fra Ramon Farrugia reġgħu ġeddew il-wegħdiet tagħhom għal sena oħra. Fost l-oħrajn kien hemm preżenti l-familjari tagħhom. Il-kant kien animat mill-kor '*St. Francis of Assisi'*. Wara sar festin familjari.



Fra Aaron Abdilla, li issa se jibda l-kors tat-teoloġija, rċieva l-ministeru tal-Akkolitat fil-knisja tagħna tar-Rabat minn idejn il-Provinċjal waqt quddiesa konċelebrata nhar l-20 ta' Settembru.

**Lil dawn ħutna,**
**filwaqt li nkomplu**
**nitolbu għalihom f' din il-mixja**
**li qed jagħmlu fil-ħajja franġiskana**
**u anke saċerdotali,**
**nawgurawlhom u nixtiequlhom kull barka u ġid.**

# AĦBARIJIET MILL-PROVINĊJA TAGĦNA

Bejn it-22 u s-26 t' Awwissu saret Żjara Franġiskana bit-tema "Jiena magħkom dejjem" ġewwa l-Parroċċa Marija Assunta ta' Ħal-Għaxaq. Il-preżenza tal-aħwa kienet kontinwa f'dawk il-jiem f' dan ir-raħal. Numru sabih ta' aħwa ħadu sehem, fosthom l-istudenti tagħna, waqt li dawn kienu qed jieħdu l-vaganzi. Grazzi mill-qalb lil Kappillan, il-kleru u l-poplu Għaxqi tal-qalb ġeneruża li wrew magħna. Jalla l-ġid li ħareġ minn din iż-żjara jkompli saħħaħ l-għaqda u s-sliem fost in-nies ta' dan ir-raħal. *Ara p.9 u aktar dettalji jingħataw fil-ħarġa li jmiss.*

Fit-3 ta' Settembru Fra Gerald Xuereb għamel l-ewwel wegħdiet fil-knisja tagħna tal-Ħamrun. Awguri *Ara p. 10.*

Fis-6 ta' Settembru fil-kunvent tagħna tal-Belt Valletta miet P. Gustinu Sciortino fl-eta ta' 69 sena. Il-funeral sar nhar l-10 ta' Settembru fid-9.15 am fil-knisja tagħna tal-Belt. Mexxa l-quddiesa konċelebrata l-Vigarju Provinċjali, P. Richard Stanley Grech. Attendew bosta saċerdoti u nies, speċjalment membri tal-Mixja Neokatekumenali. Ar*a p. 5*

Fis-6 ta' Settembru fra Aaron Abdilla, Fra Clive Camilleri u Fra Ramon Farrugia ġeddew il-voti fil-knisja tagħna tar-Rabat. Awguri. *Ara p. 10*



Fit-8 ta' Settembru l-komunita maltija li tgħix fl-Ingliterra ċċelebrat l-festa tal-Vittorja. P.Charles Grech mexxa quddiesa konċelebrata fil-katidral ta' Westminister. Il-kant kien animat mill-*Chorus Urbanus* ta' Għawdex. Wara saret purċissjoni bl-istatwa tal-Bambina madwar l-inhawi. Din iċ-ċelebrazzjoni ilha ssir sa' mill-2001 bl-appoġġ tal-ambaxxata maltija f' Londra.

Fis-16 ta' Settembru ġiet ċċelebrata il-festa tal–Ezaltazzjoni tas-Salib fil-knisja tagħna tal-Belt Valletta bil-parteċipazjoni tal-Arċikonfraternita tal-Kurċifiss.

Fis-17 ta' Settembru ġiet ċċelebrata s-solennita tal-pjagi ta' Missierna S. Franġisk fil-knisja tagħna tal-Ħamrun. F'dawn iċ-ċelebrazzjonijiet ha sehem Mons. Robert Camilleri O.F.M., isqof ta' Comaguya, Honduras, li kien Malta għal xi ftit jiem ta' vaganzi. Fil-jum ta' qabel sar it-tberik tal-animali quddiem il-knisja bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Ħamrun. Dak in-nhar intwera t-13 in-numru mid-dokumentarju '*X' joffri l-kunvent'* fuq TVM, li kien jitratta dwar il-ħajja tal-patrijiet tagħna. Il-filmat inġibed fil-kunvent tagħna tar-Rabat. Prosit tassew lil kull min ta sehmu!

P. Walter Vassallo ġie adett għall-fraternita tal-Ħamrun, sakemm ikun Malta għall-vaganzi, peress li huwa sejjer Ruma biex jispeċjalizza fil-liġi tal-Knisja ġewwa l-*Pontificia Universita Antonianum*. Awguri

P. Alex Borg , P. Marcellino Micallef u P. Martin Coleiro ġew maħtura biex jagħmlu reviżjoni tad -Direttorju Provinċjali. L-aħwa kollha jistgħu jibgħatu s-suġġerimenti tagħhom.

**L-aħwa kollha huma mħeġġa biex jitolbu aktar għal ħutna li jinsabu fil-Libja.**

## FESTI    NOVEMBRU 2012    BIRTHDAYS

**Festi**

04. P. Charles Grech
11. P. Martin Coleiro
15. P. Albert Micallef
26. Fra Leo Ciantar

**Birthdays**

01. P. Stephen Sciberras
09. P. Martin Coleiro
14. P. Julian Sammut
17. P. Christopher Farrugia
18. P. Victor Camilleri
19. P. Ivo Tonna

***Xewqat qaddisa !!!!!!!!!!***

**L-isqof ta' Comayagua, Honduras, Mons. Robert Camilleri O.F.M. flimkien mal-komunita tas-Sorijiet Klarissi fil-monasteru tagħhom ta' S. Giljan**



### WERREJ


| | |
|---|---|
| Is-Sena tal-Fidi | 2 |
| Il-Konċilju Vatikan II | 3 |
| Il-fidi ta' S. Franġisk (1) | 4 - 5 |
| Frate Angelo Tancredi | 6 - 7 |
| 4 t' Ottubru 1962 | 8 |
| Żjara Franġiskana | 9 |
| Ċelebrazzjonijiet Solenni | 10 |
| Aħbarijiet mill-Provinċja | 11 |


## OFM -LINK


L-Editur
P. Alexander Borg O.F.M.
Patrijiet Franġiskani
Triq Dun Pawl Vella
Tas-Sliema SLM 3200
Tel. 21 33 11 83
E-mail : fraalex@maltanet.mt

Għall-aħħar aggornamenti
http://ofm.org.mt
Grazzi lil P. Joseph Magro O.F.M.